# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Frar, 2016**

**Talba Nru: 674/2014/VG**

**Joseph u Raina BORG**

**vs**

**Anthony CASSAR f'ismu proprju u ghan-nom ta' Modern Lightining Systems Design Concepts**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fid-19 ta' Settembru, 2014** u li permezz taghha talbu lill-intimati jhallsuhom is-somma ta' elfejn erba' mija u tmien euro u disgha u sebghin centezmi ta' euro [€2,408.79c] flimkien ma' l-imghax mis-26 ta' Gunju, 2013 sal-pagament effettiv u dan wara li ppremettew hekk:

> "Illi Joseph u Raina Borg huma sidien ta' l-istabbiliment Fushia, Bisazza Street, Sliema.

Illi fis-26 ta' Gunju 2013 il-konvenuti kkonsenjaw lill-atturi tlieta u disghin (93) lampa ta' l-ghamla AR111 LED Lamp 12W, 12V Warm White (Dok. A).

Illi dawn il-lampi ma humiex tal-kwalita pattwita.

Illi l-atturi ddepositaw dawn il-lampi konsejati lilhom mill-konvenuti taht l-Awtorita tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' cedola pprezentata kontestwalment ma' din il-kawza.

Ghaldaqstant l-atturi qed jitolbu umilment illi l-konvenuti jigu kundannati jirrifondu lill-istess atturi s-somma ta' elfejn, erba' mija u tmien Ewro u disgha u sebghin centezmu (€2,408.79) prezz ta' tlieta u disghin (93) lampa ta' l-ghamla AR111 LED Lamp 12W, 12V Warm White.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Mejju 2014 (Dok. B) kontra l-konvenuti li huwa ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni".

**Ra r-risposta tal-intimati minnhom ipprezentata fid-9 ta' Ottubru, 2014** u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi, preliminarjament, Anthony Cassar f'ismu proprju, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu l-bejgh tal-lampi sar minn Anthony Cassar f'isem id-ditta Modern Lighting Systems Design Concepts u mhux fil-kapacita tieghu personali;

2. Illi fil-meritu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi mhuwiex minnu illi l-lampi ma kienux tal-kwalita pattwita;

4. Illi l-atturi bdew juzaw dawn il-lampi minn meta gew installati fis-27 ta’ April 2013 u baqghu jaghmlu hekk uzu minnhom; wara li l-lampi tellghu mijiet ta’ sieghat ta’ uzu li l-atturi ddecidew illi jiddepozitaw il-lampi in kwistjoni taht l-awtorita tal-Qorti.

5. Illi, fil-kuntest ta’ dan kollu, hija insostenibbli t-talba ghar-rifuzjoni tal-prezz ta’ €2,408.79.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi”.

Ra l-verbal tas-26 ta’ Frar, 2015 fejn gie nominat l-Inginier Elettriku Johann Aloisio.

Ra li fit-2 ta’ Lulju, 2015 l-Inginier Aloisio halef ir-rapport maghmul minnu.

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra l-verbal tal-21 ta’ Jananr, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu minghand l-intimati l-hlas tas-somma ta’ elfejn erba’ mija u tmien euro u disgha u sebghin centezmi ta’ euro [€2,408.79c] flimkien ma’ l-imghax mis-26 ta’ Gunju, 2013 sal-pagament effettiv rapprezentanti prezz ta’ tlieta u disghin (93) lampa ta’ l-ghamla AR111 LED Lamp 12W, 12V Warm White li ma kienux tal-kwalita pattwita.

2. L-intimati laqghu ghat-talbiet tar-rikorrenti billi qalu li preliminarjament, Anthony Cassar f'ismu proprju, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu l-bejgh tal-lampi sar minn Anthony Cassar f'isem id-ditta Modern Lighting Systems Design Concepts u mhux fil-kapacita tieghu personali. Fil-meritu, komplew jghidu l-intimati, t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li mhuwiex minnu illi l-lampi ma kienux tal-kwalita pattwita. Ziedu jghidu li r-rikorrenti bdew juzaw dawn il-lampi minn meta gew installati fis-27 ta' April 2013 u baqghu jaghmlu hekk uzu minnhom; kien biss wara li l-lampi tellghu mijiet ta' sieghat ta' uzu li r-rikorrenti ddecidew illi jiddepozitaw il-lampi in kwistjoni taht l-awtorita tal-Qorti u li ghalhekk, fil-kuntest ta' dan kollu, hija insostenibbli t-talba ghar-rifuzjoni tal-prezz ta' €2,408.79.

   Ikkunsidra;

3. **Xehdet ir-rikorrenti Raina Borg** li qalet li hi u zewgha joperaw hanut bl-isem ta' FUXIA, f'Bisazza Street, Sliema. Meta dahlu f'dan il-hanut huma ddecidew li jbiddlu l-*light fittings*. Ghal dan il-ghan kienu nkarigaw lil Jackie Xuereb bhala *designer* u *project manager*. Fit-28 ta' Frar, 2013 Antoine Cassra kien baghat *email* lil din Jackie Xuereb bid-dettalji tal-lampa tat-tip LED li kien offra lil zewgha Joe Borg. Ma din l-*email* kien hemm l-i*specifications* ta' din il-bozza. Meta huma staqsew lid-*designer* Jackie Xuereb jekk din il-bozza kienetx tajba ghal bzonnijiet taghhom, hija, a bazi ta' l-*email* u l-i*specifications* mibghuta mill-intimat, rrispondiethom fl-affermattiv.

   F'April, 2013 dawn il-bozoz twahhlu fis-saqaf tal-hanut u ziedet tghid li "*mill-ewwel gurnata li konna ftahna n-negozju dawn il-bozoz bdew jinqatghu, tlieta f'daqqa, erbgha f'daqqa*" (fol. 13). L-intimat da parti tieghu kien ibiddel dawn il-bozoz il-maqtughin lir-rikorrenti minghajr ebda hlas. Qalet li b'kollox biddlu l-fuq minn hamsin (50) bozza gdida minn dawk li

kien taghhom l-intimat. Ix-xhud qalet li skont ma kien qalilhom l-Inginier Paul Meilaq (dok. JB 13) "*din il-bozza kienet ta' kwalita inferjuri*" (fol. 13).

Hija qalet li dak li ordnat ma inghatax lilha u ziedet tghid li "*l-ispotlight li hemm ezebita fid-dok. JB7 ma hijiex l-istess spotlight bhal ma nghatajna ahna minghand l-intimat, dan huwa kkonfermat mill-intimat stess li qal lil zewghi illi huwa kien gablu spotlights ta' kwalita inferjuri peress u dan sabiex jiffrankalna l-flus*" (fol. 13).

Minhabba dak li kien qieghed jigri bil-bozoz mixtrija minghand l-intimat, hi u zewgha ddecidew li jixtru bozoz godda minghand E. Calleja & Sons Limited. Kemm ilhom li twahhlu dawn il-bozoz ma naqtghet l-ebda wahda minnhom. Qalet ukoll li l-intimat kien qalilha li huwa kien ser jibqa jbiddel il-bozoz izda ma tahiex garanzija li kien ser jibqa jbiddilhom ghal dejjem, pero meta rat li kienet qeghda tbiddel bozoz kuljum, hi ddecidiet li tbiddel il-bozoz u taghti lill-intimat dawk tbiddel il-bozoz u taghti lill-intimat dawk li kienet xtrat minghandu u jaghtihom il-flus lura.

Mistoqsija in kontro-ezami jekk l-intimat kienx ta' ghazla li l-lampa tkun prodotta jew il-Germanja jew ic-Cina, hija qalet li "*lili ma tanix dik l-option l-uniku option li tani kienet dik annessa bhala dok JB 7 b'dawk l-ispecifications. Pajjiz ma semmilniex, tana dawk id-dettalji li hemm f'dok JB 7 biss*" (fol. 14). Hija qalet li l-intimat kien qalilha li kien ser ibidlilha l-bozoz ghal sentejn, izda hija ma accetatx peress li l-bozoz li taha ma kienux dawk miftehma.

4. **L-intimat xehed in subizzjoni** u qal li hu *electrical engineer* bi professjoni u ilu f'dan ix-xoghol ghal dawn l-ahhar sittax (16)-il sena. Id-ditta ntimata tappartjeni lilu u tbiegh prodotti ta' dawl, *light fittings* u prodotti ohra. Qal li r-rikorrenti ried ibiddel il-bozoz tat-tip *halogen* f'bozoz tat-tip LED. Ir-rikorrenti, skont l-intimat, ried jonfoq l-inqas. Qal li l-kwistjoni tirrigwarda kollha kemm hi flus u dan fis-sens li r-rikorrenti ma riedx jonfoq flus u jghaddi bl-inqas spejjez possibbli. Qal li huwa kellu bozoz bhal ma xtraw ir-

rikorrenti minghand Calleja. Kompla qal li dawn kienu jiswew €99 il-wahda filwaqt li huwa spicca xtara bozoz minghandu li jiswew madwar €22-il wahda. Muri d-dok. JB 7, l-intimat qal li dawn huma l-istess bozoz li xtara r-rikorrenti minghandu.

Meta xehed minn jeddhu, huwa qal li r-rikorrenti kien mar ghandu ghal xi bozoz. Qal li hu kellu bozoz li kienu jikkumparaw mal-prezzijiet li kien gab ir-rikorrenti minghand haddiehor. Zied ighid pero li r-rikorrenti ma riedx jonfoq dawk il-prezzijiet. Huwa baghat *email* nl-i*specifications* lid-*designer* tar-rikorrenti u lill-istess rikorrenti. Qal li "*l-lampa li jiena nstallajt fil-hanut tar-rikorrenti huma l-istess specifications tad-data sheet illi jien kont baghat lilu u lid-designer*" (fol. 68). "*Il-bozoz*" kompla jghid l-intimat "*inxtraw fuq mertu ta' data sheet*" (fol. 68). Qal li r-rikorrenti kien hallsu depositu akkont u xahrejn wara li gew installati l-bozoz hallsu l-bilanc. Kompla jghid li f'April, 2013, kienu gew installati dawn il-bozoz u f'Marzu, 2014 kienu nqatghu xi bozoz li r-rikorrenti kienu talbu sabiex ibiddel. Hekk fil-fatt ghamel. L-intimat qal li r-raguni l-ghala kienu qeghdin jinqatghu l-bozoz kienet minhabba li ma kienx hemm sistema ta' ventilazzjoni tajba fejn il-bozoz u konsegwentement, dawn kienu qeghdin jishnu u jinqatghu. Din kienet ir-raguni l-ghala kienu bdew jinqatghu l-bozoz u mhux ghax kienu ta' kwalita nferjuri.

In kontro-ezami huwa qal li hu u r-rikorrenti hadmu diversi drabi flimkien u li kien hemm relazzjoni tajba bejniethom u ma kienx hemm kwistjonijiet simili bejniethom. Qal li qabel ma kienet saret l-ordni, huwa kien mar *on site* biex jara fejn kien ser jigi nstallat ix-xoghol. Huwa qal li kien wera l-katalogu lir-rikorrenti u ma kull bozza kien hemm il-prezz. Qal li din kienet ir-raguni l-ghala kien twarrab fil-genb mir-rikorrenti dan il-katalogu. Kompla qal li l-bozoz tal-katalogu kienu gejjin mill-Germanja filwaqt li dawk li ghazel ir-rikorrenti kienu nxtraw mic-Cina. Mistoqsi jekk jiftakarx li d-*designer* kienet qaltlu sabiex ma jgibx bozoz mic-Cina, huwa wiegeb fin-negattiv. Huwa qal li meta xtara dawn il-bozoz, ma kellu l-ebda intenzjoni li jixtri bozoz ta' kwalita nferjuri. Sahaq li "*ftehim tieghi mar-rikorrenti kien li*

*naghtih bozza ta' kwalita tajba u jiena hekk ghamilt tajtu bozoz ta' kwalita tajba*" (fol. 70). Huwa nsista li r-raguni l-ghala kienu qeghdin imorru l-bozoz kienet minhabba t-temperatura taghhom u li l-bozoz li huwa kien biegh lir-rikorrenti kienu dawk approvati mid-*designer*. Mistoqsi x'kienet ir-raguni l-ghala huwa baqa jbiddel il-bozoz li kienu qeghdin imorru, l-intimat qal li kien hemm zewg ragunijiet. L-ewwel wahda l-ghaliex kien hemm relazzjoni tajba bejniethom u t-tieni wahda kienet l-ghaliex is-*supplier* ta' barra kien baqa jibghatlu l-i*spare parts*. Dwar il-bozoz li xtara r-rikorrenti minghand Calleja, huwa qal li dawn "*dawn jahlu inqas dawl, jikkunsmaw inqas kurrent, jiggeneraw anqas dawl u ghalhekk jiggeneraw inqas shana*" (fol. 70).

5. **L-Inginier elettriku Johan Aloisio** kkonferma r-rapport tieghu bil-gurament fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2015. Fil-konkluzzjonijiet tieghu, huwa qal li "*wara t-testijiet li saru, nistghu nikkonkludu li l-kulur li tarmi huwa fil-limitu tal-warm white qrib tat-3500K. Ghalkemm hemm hafna xi tghid dwar il-kwalita tal-bozza mibjuwa, din taqbel ma l-ispecifiki mnizzla f'dokument JB7*" (fol. 24). Fl-esekuzzjoni tieghu, huwa qal li l-kwalita tal-bozza taffettwa l-life span tal-bozza. Qal li ghalkemm il-lampa mibjugha mill-intimat lir-rikorrenti kienet skont l-ispecifikazzjonijiet "*l-lampa hija ta' kwalita nferjuri*" (fol. 51). Qal li l-fatt li l-bozza tkun ta' livell baxx, il-possibilta hija aktar probabbli li tinqata. Ghalhekk, kompla jghid l-espert nominat, "*il-probabilta kbira illi ma jaghmlux il-hamsin elf (50,000) siegha li kien hemm miktub fuq id-dokument JB7 a fol. 24 tal-process*" (fol. 51). L-espert ikkonferma li "*l-ispecifications kollha li hemm fid-dokument JB7 a fol. 24 tal-process intlahqu kollha*" (fol. 51). Kompla qal li "*fl-ispecifications kwalita ma jkunx hemm, kull ma jkun hemm huma guide lines li jintlaqhu kollha. Ovvjament dawk il-bozoz li kienu maqtughin ma ntlahqux*" (fol. 51). Mistoqsi jekk huwa kienx ezamina l-*electrical installation* tal-hanut, huwa wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi biex inqatghu dawn il-bozoz, l-espert qal li ma jafx "*nahseb pero li kien minhabba l-kwalita nferjuri tal-bozza*" (fol. 51). Mistoqsi jekk hemmx xi raguni ghala t-tieni sett ta' bozoz li twahhlu (ta' Calleja) ma nqatghux huwa qal li ma'

kienx hemm. Mistoqsi jekk hemmx xi raguni ghala l-bozoz ta' kwalita nferjuri baqghu jahdmu, huwa qal li ma kienx hemm.

6. **Ir-rikorrenti Joseph Borg** ikkonferma dak li qalet martu fix-xhieda taghha. Zied ighid li huwa kien gab lil impjegat tad-ditta OK sabiex jaghtih stima ghal bozoz li ried u wara li inghata din l-istima, huwa nforma lid-designer inkarigata biex taghmel ix-xoghol tad-dawl li huwa kien jaf lill-intimat u ried jara jekk kellux bozoz bhal ta' l-imsemmija ditta OK. Staqsa lil intimat jekk igibx bozoz tad-ditta OSMAR u dan ta' l-ahhar kien wiegbu u qallu li kien igib xi haga simili. Tah katalogu ta' bozoz *Made in Germany* u ghaddieh lid-*designer*. Din ghazlet il-bozza li kienet simili ghal dik tad-ditta OK u l-intimat informah il-prezz taghha. Qal li d-differenza fil-valur tal-bozza minghand id-ditta OK u dik li offra l-intimat kienet ta' ftit, pero kompla jghid ir-rikorrenti, peress li huwa kien diga hadem ma' l-intimat, iddecieda li jiehu tieghu. Kif twahhlu l-bozoz, "*id-disinjatrici kienet qaltli li dawn ma kienux il-bozoz li konna ordnajna u jiena nfurmajt b'dan mal-ewwel lil intimat*" (fol. 54). X'hin twahhlu dawn il-bozoz ta' l-intimat, bdew il-problemi u bdew jinqatghu wahda wara l-ohra. X'hin ra li l-problema ma setatx tittranga, huwa mar jixtri bozoz ohra minghand Calleja u biddilhom. Meta kellem lil intimat, dan qallu "*li kien tort tieghu ghaliex hu ma kienx ordna l-bozoz tal-katalogu*" (fol. 55). Ir-rikorrenti sahaq li huwa kien ordna bozoz *Made in Germany*, meta fir-rejalta l-intimat tah bozoz maghmulin ic-Cina.

In kontro-ezami, huwa qal li l-bozoz suppliti mill-intimat kienu gew installati fis-26 ta' Gunju, 2013 ghall-ammont ta' €3,204.03c. Qal li huwa baqa juza dawn il-bozoz ghal madwar 3 jew 4 xhur u wara ddepozitahom il-Qorti. Muri d-dokument a fol. 29, li hija c-cedola ta' depozitu datata 19 ta' Settembru, 2014, huwa qal li d-data hi li hi. Qal ukoll li l-bozza li kien ra minghand is-socjeta OK Limited kienet tiswa bejn €40 u €48 il-wahda. Huwa qal li huwa kien indika l-bozza li qaltlu d-*designer* tieghu lill-intimat u li l-kwalita kienet *Made in Germany*. Mistoqsi jekk huwa kienx ordna l-bozza skont l-ispecifications li hemm fid-dok. JB7 (fol. 24) huwa wiegeb

fin-negattiv u qal li "*jiena kont ordnajt il-bozza skont l-ispecifications li kien hemm fil-katalogu li tani dawk illi jiena ghidt illi kienu Made in Germany.*" (fol. 56). Kopja ta' dan il-katalogu ma ghandux l-ghaliex huwa kien tah lura lil intimat x'hin kienet lestiet minnu d-*designer* tieghu. Mistoqsi fuq l-*email* li intbaghtet lid-designer tieghu bl-informazzjoni dwar il-bozza maghzula, huwa qal li ma jiftakarx. Sahaq li huwa ma kienx ra d-dok JB 7 (fol. 24) u li huwa kien ordna minn fuq il-katalogu.

Qal li "*d-designer baghtet lili biex nixtri biex nordna l-bozoz ovvjament fuq l-informazzjoni li kien tahha l-intimat ghalhekk il-bozza li jiena ordnajt minghand l-intimat dan ghamlitu fuq parir tad-designer tieghi u kien jirrigwarda l-bozza li hemm immarkata a fol. 24 tal-process. Il-katalogu jiena tajtu lid-designer, id-designer ghazlet il-bozza mill-katalogu u jiena mort ghand l-intimat u ghidtlu: 'din irrid' b'referenza ghal katalogu*" (fol. 56). Qal li huwa ppretenda li l-bozoz li xtara minghand l-intimat kellhom jibqghu jinbidlu ghal dejjem izda l-intimat ma riedx

7. **Xehdet Jacqueline Attard nee' Xuereb** li kienet id-*designer* li giet inkarigata mir-rikorrenti sabiex taghmel il-hanut taghhom gewwa tas-Sliema. Kompliet tghid li hi kienet issuggeriet it-tip ta' dawl illi kien hemm bzonn li jsr fil-hanut taghhom. Hija ssuggeriet li huma juzaw l-LED's. Kienet gabitilhom ukoll stima mahruga mis-socjeta OK Limited. Qalet li r-rikorrenti kien urieha katalogu u kienet tatu "*specifications ta' bozza tal-LED li jiena dehrli li kienet tkun approprjata ghal hanut bid-disinn li konna qeghdin naghmlu*" (fol. 61a). L-intimat, sussegwentement, kien baghtilha *email* bl-i*specifications* ta' bozza li hu kien qieghed jissugerixxi li r-rikorrenti juzaw fil-hanut taghhom. Qalet li hi nfurmat lill-intimat li ma rieditx li jintuzaw bozoz tac-*cheap* u li ma ridietx bozoz tac-China. "*Jiena fhimt li l-intimat fehem dak illi riedu u kienu qed jistennew lir-rikorrenti*" (fol. 61a).

   Ix-xhud qalet li hija kienet irceviet *email* minghand l-intimat bl-i*specifications* tal-bozoz li kien ser ibiegh lir-rikorrenti. Hija kkonfermat li

d-dokument esebiet a fol. 24 hija l-informazzjoni li baghat l-intimat mal-*email* imsemmija minnha. Qalet li rat l-i*specifications* imsemmija u "*deherli li kienu qeghdin tajjeb u allura ma sibt l-ebda oggezzjoni li r-rikorrenti jgibu dawn il-bozoz*" (fol. 61b). Ziedet tghid li hi lir-rikorrenti kienet qaltlu sabiex igib bozza simili ghal dik li kien urieha pero mhux necessarjament l-istess *code*.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. L-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati hija li huwa personalment ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu l-bejgh tal-lampi sar minn Anthony Cassar f'isem id-ditta Modern Lighting Systems Design Concepts u mhux fil-kapacita tieghu personali. Mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-intimat ghandu ragun f'din l-eccezzjoni. Il-fattura inharget mid-ditta Modern Lighting Systems Design Concepts (fol. 65) u anke r-ricevuta fiskali (fol. 66). Huwa minnu li c-cekk a fol. 64 huwa mahrug fuq isem l-intimat personalment, izda jidher bic-car li l-intimat ken qieghed jagixxi f'isem id-ditta. Anke d-dok. JB 7 a fol. 24 juri dan il-fatt. Ukoll, kull meta l-intimat wiegeb ghall-ittri legali, huwa dejjem indika ruhhu bhala li qieghed jikteb ghan-nom tad-ditta intimata. Ghalhekk, din l-eccezzjoni sejra tintlaqa.

9. Fil-mertu jinghad li **l-artikolu 1390 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li "*Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti*".

10. Mill-provi rrizulta li r-rikorrenti kienu nkarigaw lil Jacqueline Attard nee' Xuereb bhala *designer* sabiex tehdilhom hsieb il-hanut taghhom bl-isem ta' FUSHIA, gewwa tas-Sliema. Ir-rikorrenti kien urieha katalogu li kien ghaddielu l-intimat u min hemm kienet ghazlet il-bozza li dehrilha l-ahjar. Qalet li l-intimat kien sussegwentement baghtilha *email* bl-i*specifications* ta' bozza li hu kien qieghed jissugerixxi li r-rikorrenti juzaw fil-hanut taghhom. Hija nfurmat lill-intimat li ma rieditx li jintuzaw bozoz tac-*cheap* u li ma ridietx bozoz tac-China. Qalet li "*Jiena fhimt li l-intimat fehem dak illi riedu u kienu qed jistennew lir-rikorrenti*" (fol. 61a). Kompliet tghid din ix-xhud li din l-*email* li kien baghtilha l-intimat kien fiha l-i*specifications* tal-bozoz li

kien ser ibiegh l-intimat lir-rikorrenti u kkonfermat li d-dokument esebiet a fol. 24 hija l-informazzjoni li baghat l-intimat mal-*email* imsemmija minnha. Qalet li rat l-i*specifications* imsemmija u "*deherli li kienu qeghdin tajjeb u allura ma sibt l-ebda oggezzjoni li r-rikorrenti jgibu dawn il-bozoz*" (fol. 61b). Ziedet tghid li hi lir-rikorrenti kienet qaltlu sabiex igib bozza simili ghal dik li kien urieha pero mhux necessarjament l-istess *code*. Raina Borg qalet li meta hi kienet staqsiet lid-*designer* jekk din il-bozza kienetx tajba ghal bzonnijiet taghhom, din, a bazi ta' l-*email* u l-i*specifications* mibghuta mill-intimat, rrispondiethom fl-affermattiv.

11. Effettivament irrizulta li l-intimat ipprovda lir-rikorrenti b'din il-bozza ezatti. Fatt dan ikkonfermat mill-espert nominat f'dawn il-proceduri l-Inginier elettriku Johan Aloisio meta qal li "*wara t-testijiet li saru, nistghu nikkonkludu li l-kulur li tarmi huwa fil-limitu tal-warm white qrib tat-3500K. Ghalkemm hemm hafna xi tghid dwar il-kwalita tal-bozza mibjuwa, din taqbel ma l-ispecifiki mnizzla f'dokument JB7*" (fol. 24). L-espert nominat kompla jghid li ghalkemm il-lampa mibjugha mill-intimat lir-rikorrenti kienet skont l-ispecifikazzjonijiet "*l-lampa hija ta' kwalita nferjuri*" (fol. 51). Qal li l-fatt li l-bozza tkun ta' livell baxx, il-possibilta hija aktar probabbli li tinqata. Ghalhekk, kompla jghid l-espert nominat, "*il-probabilta kbira illi ma jaghmlux il-hamsin elf (50,000) siegha li kien hemm miktub fuq id-dokument JB7 a fol. 24 tal-process*" (fol. 51). L-espert ikkonferma li "*l-ispecifications kollha li hemm fid-dokument JB7 a fol. 24 tal-process intlahqu kollha*" (fol. 51). Kompla qal li "*fl-ispecifications kwalita ma jkunx hemm, kull ma jkun hemm huma guide lines li jintlaqhu kollha. Ovvjament dawk il-bozoz li kienu maqtughin ma ntlahqux*" (fol. 51).

12. Ir-rikorrenti jilmentaw minn qtugh ta' ammont kbir ta' bozoz. Insistew li l-bozoz mibjugha mill-intimat ma kienux tal-kwalita pattwita. Qalet li minn meta twahhlu l-bozoz f'April, 2013 bdew jinqatghu wahda wara l-ohra. Da parti tieghu, kompliet tghid ir-rikorrenti, l-intimat kien ibidlilhom dawn il-bozoz maqtughin minghajr ebda problema u hlas. Hija sahqet li skont ma kien qal l-Inginier Paul Meilaq, din il-bozza kienet ta' kwalita inferjuri. Stqarret li "*l-ispotlight li hemm ezebita fid-dok. JB7 ma hijiex l-istess spotlight bhal ma nghatajna ahna minghand l-intimat, dan huwa kkonfermat mill-intimat stess li qal lil zewghi illi huwa kien gablu spotlights ta' kwalita inferjuri peress u dan sabiex jiffrankalna l-flus*" (fol. 13). Effettivament, min

dak li qal l-espert nominat Johan Aloisio, dan ma jirrizultax minnu. Meta giet mistoqsija jekk l-intimat kienx taghhom l-ghazla li l-bozza tkun prodotta l-Germanja jew ic-Cina, hija qalet li "*lili ma tanix dik l-option l-uniku option li tani kienet dik annessa bhala dok JB 7 b'dawk l-ispecifications. Pajjiz ma semmilniex, tana dawk id-dettalji li hemm f'dok JB 7 biss*" (fol. 14). Kuntrarjament ghal dak li tghid martu, r-rikorrenti Joseph Borg qal li huwa ma kienx ra d-dok JB 7 (fol. 24) u li huwa kien ordna minn fuq il-katalogu. Mistoqsi jekk huwa kienx ordna l-bozza skont l-ispecifications li hemm fid-dok. JB7 (fol. 24) huwa wiegeb fin-negattiv u qal li "*jiena kont ordnajt il-bozza skont l-ispecifications li kien hemm fil-katalogu li tani dawk illi jiena ghidt illi kienu Made in Germany.*" (fol. 56). Ir-rikorrenti Joseph Borg zied ighid li "*d-designer baghtet lili biex nixtri biex nordna l-bozoz ovvjament fuq l-informazzjoni li kien tahha l-intimat ghalhekk il-bozza li jiena ordnajt minghand l-intimat dan ghamlitu fuq parir tad-designer tieghi u kien jirrigwarda l-bozza li hemm immarkata a fol. 24 tal-process. Il-katalogu jiena tajtu lid-designer, id-designer ghazlet il-bozza mill-katalogu u jiena mort ghand l-intimat u ghidtlu: 'din irrid' b'referenza ghal katalogu*" (fol. 56). It-Tribunal pero huwa konvint li l-bozza li dwarha kien intlahaq ftehim bejn ir-rikorrenti u d-ditta intimata kienet dik li hemm esebita a fol. 24 tal-process. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn ma jemminx lill-intimat meta dan qal li "*l-lampa li jiena nstallajt fil-hanut tar-rikorrenti huma l-istess specifications tad-data sheet illi jien kont baghat lilu u lid-designer*" (fol. 68) u li "*Il-bozoz inxtraw fuq mertu ta' data sheet*" (fol. 68). In oltre, filwaqt li qabel li l-bozoz tal-katalogu li huwa kien wera lir-rikorrenti kienu maghmula gewwa l-Germanja, l-bozoz li spicca ghazel l-istess rikorrenti kienu maghmulin ic-Cina.

13. It-Tribunal, mehud kollox in konsiderazzjoni, huwa tal-fehma li l-bozoz mixtrija mir-rikorrenti minghand l-intimat kienu tal-kwalita mweghda. Ir-rikorrenti jista jkollom ragun fl-argumenti taghhom li dawn il-bozoz mixtrija kienu hziena u difettuzi izda dawk huma l-elementi ta' azzjoni ohra u mhux dik esercitata mir-rikorrenti fil-kaz odjern. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Talba tar-rikorrenti sejra tigi michuda.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jillibera lill-intimat personalment mill-osservanza tal-gudizzju ghar-ragunijiet hawn fuq migjuba, qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez kollha huma a kariku tar-rikorrenti.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**